**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 221/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Clayton Camilleri)**

**vs**

**Axil Carl SCICLUNA**

**Illum, 27 ta' Novembru 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija nhar l-1 ta' Ġunju 2023 fil-konfront ta' **Axil Carl SCICLUNA**, iben John u Michelle nee` Scicluna, imwieled il-Pieta` nhar il-21 ta' Ottubru 1996, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 441196(M) li ġie mixli talli:

   Nhar l-14 ta' Ġunju 2020 għall-ħabta tal-22:45hrs ġewwa Triq Ix-Xatt, fil-Kalkara:

   1. Kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u storbju;

2. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Lukevic Agius, Aeneas Tonna u Tiffany Tonna;

3. Ħebb għall-persuna ta' Lukevic Agius u għal Aeneas Tonna u kkawza offiża ta' natura ħafifa, hekk kif iċċertifikat minn Dr. Mark Grech Sciberras (Reg: 6115) fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid;

4. Kif ukoll wara li kien avżat kemm bil-fomm, kif ukoll b'avviż bil-miktub, sabiex jattendi ġewwa l-Għassa tal-Pulizija għal xi investigazzjoni tal-Pulizija, naqas li jobdi l-obbligu legali tiegħu li jimxi ma' dik it-talba li saritlu mill-Pulizija sabiex jagħti kif kien meħtieġ dak it-tagħrif jew dokumenti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta` tal-persuna offiża jew individwi oħra skond it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(e) u 221(1) tal-Kodiċi Kriminali ddikjarat lill-imputat **Axil Carl SCICLUNA** (illum l-appellant) ħati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu, b'dana illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni sabet ħtija biss fir-rigward ta' theddid fil-konfront ta' Lukevic Agius u mhux fil-konfront ta' Tiffany Tonna u Aeneas Tonna, filwaqt illi lliberatu mir-raba' imputazzjoni. Il-Qorti għalhekk ikkundannat lill-imputat għal terminu ta' għoxrin (20) ġurnata priġunerija.

   Il-Qorti ħarġet ukoll Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali favur Lukevic Agius, Aeneas Tonna, Tiffany Tonna, Xanthe Haidon, Jamie Vassallo, Dwayne Debono u Maria Debono għal żmien tliet (3) snin mid-data tas-sentenza u dan bil-kundizzjonijiet

elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, liema digriet jifforma parti integrali mis-sentenza.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi **Axil Carl SCICLUNA** appella minn din is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*s-sentenza moghtija fl-1 ta' Gunju 2023 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-konfront tieghu ghandha tigi mhassra u riformata billi fil-waqt li zzomm ferma fuq r-raba' akkuza fejn gie liberat li jigi ukoll liberat fuq l-ewwel, t-tieni u t-tielet akkuza*".

## D. IR-RISPOSTA TAL-AVUKAT ĠENERALI

4. Illi permezz tar-risposta tagħha, l-Avukat Ġenerali wieġbet illi din il-Qorti għandha tirrespinġi l-aggravji tal-appellant u konsegwentement tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Ġunju 2023, u dan għar-raġunijiet indikati fir-risposta tagħha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar l-14 ta' Ġunju 2020, għall-ħabta tal-22:50hrs, il-Pulizija ġewwa l-Għassa ta' Bormla ġew infurmati mill-Kamra tal-Kontroll tal-Pulizija, illi fi Triq ix-Xatt ġewwa l-Kalkara, kien hemm ġlieda bejn diversi persuni. Jirriżulta wkoll mill-affidavit ta' PS 1122 A. Rizzo, illi huwa mar mill-ewwel fuq il-post flimkien mal-kollegi tiegħu, fejn sab grupp ta' żgħażagħ li għarrfuh illi l-aggressuri kienu telqu minn fuq il-post. Irriżultalu wkoll illi tnejn mill-istess żgħażagħ li kienu fuq il-post ossia Aenaes Tonna u Lukevic Agius, sofrew ġrieħi ħfief, wara li allegatament Axil Carl Scicluna, l-appellant, ħebb għalihom b'injama, liema injama ġiet elevata. Irriżulta in oltre illi ma' dawn iż-żgħażagħ kien hemm ukoll Tiffany Tonna, li allegatament ġiet aggredita minn Kylie Azzopardi, li kienet fil-kumpanija tal-

appellant. Aenaes Tonna, Lukevic Agius u Tiffany Tonna provdew ċertifikati mediċi lill-Pulizija. In oltre skont l-affidavit ta' PS 1122 A. Rizzo, fuq il-post kien hemm ukoll Xanthe Haidon, Jamie Vassallo, Dwayne Debono u Maria Debono, li kienu preżenti waqt l-allegata aggressjoni, u illi lkoll taw il-verżjoni tagħhom. Jirriżulta in oltre mill-istess affidavit illi l-appellant ġie notifikat b'*letter to call* min-naħa tal-Pulizija, iżda huwa baqa' ma attendiex ġewwa l-Għassa fil-jum li ġie msejjaħ sabiex jagħmel dan, u sussegwentement inħarġu l-imputazzjonijiet odjerni fil-konfront tiegħu. Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali bdew nhar id-9 ta' Ottubru 2020, u nhar l-1 ta' Ġunju 2023, kif ingħad iżjed 'il fuq, ingħatat is-sentenza fil-konfront tiegħu.

6. Illi <u>l-ewwel aggravju</u> tal-appellant SCICLUNA jittratta d-deċizjoni ta' sejbien ta' ħtija tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) dwar it-tielet imputazzjoni, in kwantu huwa nstab ħati talli kkaġuna offiża ta' natura ħafifa. Skont l-istess appellant, billi rriżulta ampjament illi l-feriti kkawżati kienu ta' natura ħafifa, din l-imputazzjoni ma kellhiex tirriżulta, u dan għaliex tali feriti kienu riżultat dirett tal-provokazzjoni.

7. Illi bis-saħħa tal-Artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali, l-Artikolu 227 tal-istess Kodiċi, li jipprovdi dawk il-każijiet li fihom il-liġi tqis l-omiċidju volontarju bħala skużabbli, japplika wkoll għal każijiet ta' offiża volontarja fuq il-persuna. Fid-dawl tal-aggravju mqajjem mill-appellant, din il-Qorti tifhem illi huwa qiegħed jibni d-difiża tiegħu fuq il-provokazzjoni kkontemplata fil-paragrafi (a) u (ċ) tal-Artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali. Il-paragrafu (a) tal-Artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali jirreferi għall-iskużanti tal-omiċidju volontarju *inter alia* taħt l-Artikolu 227(a) tal-istess Kodiċi, li jipprevedi bħala skużanti l-provokazzjoni tal-persuna imputata "*b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija*". Il-paragrafu (ċ) tal-Artikolu 230, imbagħad, jipprovdi bħala skużanti għall-persuna imputata bl-offiża volontarja, il-provokazzjoni "*minn delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna*". Għalhekk ikun ta' xejn illi l-persuna imputata tinvoka d-difiża tal-provokazzjoni f'sitwazzjoni fejn hija tkun aġixxiet mingħajr ma tkun hekk ipprovokata mill-azzjoni ta' ħaddieħor, liema azzjoni trid neċessarjament tkun dik

prevvista fl-imsemmija paragrafu (a) jew (ċ) tal-Artikolu 230 tal-Kodiċi Kriminali.

8. In oltre sabiex tirnexxi d-difiża tal-provokazzjoni, huwa wkoll neċessarju illi jirriżulta ppruvat illi l-azzjoni ta' min wettaq l-offiża volontarja fuq il-persuna, tkun fil-fatt twettqet b'mod immedjat bħala reazzjoni għall-azzjoni provokatorja ta' ħaddieħor, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 235 tal-Kodiċi Kriminali. Hawnhekk issir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet <u>**Ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Mizzi**</u> tal-15 ta' Diċembru 2005, fejn ingħad is-segwenti:

> … Fil-kazijiet prospettati mid-difiza taht l-artikoli 230(a) - b'referenza ghall-artikolu 227(a) - u 230(c), it-test huwa wiehed oggettiv (kif qal l-Imhallef li ppresjeda l-guri), izda dan fis-sens li dak li jrid jigi determinat huwa: (1) jekk l-akkuzat ikunx ghamel offiza volontarja fuq il-vittma u (2) jekk tali offiza saritx bhala <u>reazzjoni</u> (jigifieri hemmx verament in-ness immedjat ta' kawza u effett) ghall-aggressjoni fuqu mill-vittma. Jekk l-offiza saret bhala reazzjoni ghall-aggressjoni kif inghad, irid jigi determinat: (3) jekk saritx offiza gravi fuq il-persuna ta' l-akkuzat jew delitt iehor kontra l-persuna suggett ghall-piena ta' aktar minn sena prigunerija (art. 230(a)) - jew (4) jekk sarx delitt, ta' kull xorta li jkun, kontra l-persuna ta' l-akkuzat (230(c)). Dawn il-provokazzjonijiet, pero`, jiswew lill-akkuzat, ossia lill-hati, biss meta jkunu saru "fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha jingiebu bhala skuza" (art. 235), u cioe` li l-akkuzat ikun <u>irreagixxa ghal aggressjoni li qed issirlu dak il-hin stess</u>, irreagixxa ghal att estern specifiku.

9. Magħmula s-suesposti kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti taqbel mal-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-ewwel Qorti u dan fis-sens illi mill-provi proċesswali ma tirriżulta l-ebda prova dwar xi provokazzjoni li seta' kien soġġett għaliha l-appellant. Fil-fatt, mill-provi ma jirrizultax illi f'xi ħin Aeneas Tonna u Lukevic Agius aġixxew b'tali mod illi bih setgħu pprovokaw lill-appellant, għaliex ix-xhieda kollha huma konkordi illi kien l-appellant stess illi ħebb fl-ewwel lok għal Lukevic Agius, fil-waqt illi kien armat b'injama f'idejh. Għalhekk mhux talli l-appellant mar għal ġlied, iżda dan għamlu wkoll bl-intiża ċara illi jaggredixxi u jweġġa' lil Agius. Ix-xhieda qablu bejniethom illi fil-ħin tal-inċident,

huma kienu klikka ħbieb, mexjin lejn il-mina tal-Kalkara meta raw lill-appellant ġej b'injama f'idu. Tiffany Tonna, l-eks sieħba tal-appellant, tixhed illi l-istess appellant beda jgħajjat "*issa sibtek, issa sibtek*" u dan fil-waqt illi kien qed jindirizza lil Lukevic Agius, dak iż-żmien is-sieħeb tax-xhud. Tixhed ukoll illi l-appellant "*Gie b'injama ghalih, kellha musmar, beda jipprova jhebb ghalih u kulhadd beda jzommu*". Iżżid tgħid ukoll illi l-appellant aggredixxa wkoll lil ħuha, Aeneas Tonna.[1] L-istess verzjoni jikkonfermaha Aeneas Tonna, li xehed illi l-appellant "*narawh gej warajna b'injama f'idejh u beda jhebb Lukevic Agius u jien mort nifraqhom. Xhin fraqthom ma nafx kif spiccajt bih tahti nipprova nikkalma s-sitwazzjoni u qabad jigdimli sidri.*"[2] Bl-istess mod, Dwayne Debono jixhed kif "*Dak konna mexjin. Minghalija konna telghin lejn id-dar. Imbaghad nisma' l-ghajjat, ghax jien kont fuq quddiem, u nisma' lil Axil jgħidlu "issa ejja", "issa ejja" u kien b'injama" ... "U rajt lil Axil kien ha jaqbad jaghti bl-injama" ... "Lil Luke".*[3]

10. Bl-istess mod, Lukevic Agius jixhed kif kien l-appellant illi beda din il-ġlieda u dan meta hu u l-ħbieb tiegħu kienu fi triqithom lura lejn id-dar: "*Dak konna telghin jiena u shabi u t-tfajla tieghi Tiffany Tonna lejn il-mina tal-Kalkara u naraw lil Axil Carl Scicluna gej b'injama bil-musmar imwahhal maghha u hu beda jgħidli "ejja ejja. Sibtek" ... Hu gie ghalija ...*".[4] Xanthe Haidon ukoll tixhed kif kien l-appellant li "*Beda jipprova jaggredihom*"[5], filwaqt illi l-istess appellant kellu injama f'idu, u Jamie Vassallo jgħid hekk: "*Jiena kont ma' sħabi dakinhar fl-14 ta' Ġunju u konna qegħdin għall-kwiet u minnufih naraw lil Alex ġej b'injama f'idejh biex jipprova jħebb għal Lukevic u għal Aeneas...*".[6]

11. Illi mill-banda l-oħra l-appellant ma ressaq l-ebda prova in sostenn tad-difiża tiegħu illi f'dak il-waqt, huwa kien irreaġixxa għal xi forma ta' provokazzjoni naxxenti minn aġir imputabbli lil Lukevic Agius u/jew Aeneas Tonna. Irid jingħad ukoll illi anke li kieku, għall-grazzja tal-argument biss, kienet tirriżulta xi provokazzjoni diretta lejn l-appellanti fis-sens tal-Artikoli 230(a) jew (ċ) tal-Kodiċi Kriminali, huwa biss fil-

[1] Ara a fol. 17 *et seq* tal-proċess.
[2] A fol. 23 tal-proċess.
[3] A fol. 62 tal-proċess.
[4] A fol. 42 tal-atti proċesswali
[5] A fol. 56 tal-proċess.
[6] A fol. 59 tal-proċess.

każ tal-provokazzjoni "*b'offiża gravi fuq il-persuna jew b'delitt ieħor kontra l-persuna, meta dan id-delitt ikun suġġett għall-piena ta' aktar minn sena priġunerija*" fit-termini tal-Artikolu 227(a) tal-istess Kodiċi, kif applikabbli għall-offiża volontarja permezz tal-Artikolu 230(a), illi f'każ illi dik l-offiża tkun waħda ħafifa, ma jittieħed ebda proċediment.[7] Altrimenti jekk il-provokazzjoni tkun fit-termini tal-Artikolu 230(ċ), ikun hemm biss riduzzjoni fil-piena għall-offiża volontarja fit-termini tal-Artikolu 232 tal-Kodiċi Kriminali.

12. Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

13. Illi fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta mill-piena mposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaliex fil-fehma tiegħu, din hija waħda sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u ma kellux jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija effettiva.

14. Il-Qorti hawnhekk tinnota illi minkejja dan l-aggravju, fit-talba tiegħu, l-appellant imkien ma talab lil din il-Qorti sabiex tvarja l-piena inflitta mill-ewwel Qorti. Fil-fatt it-talba tiegħu hija limitata biss għall-konferma ta' dik il-parti tas-sentenza li permezz tagħha huwa ġie lliberat mir-raba' imputazzjoni, u għat-tħassir tas-sentenza in kwantu huwa nstab ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet. L-appellant baqa' ma talabx il-varjazzjoni tas-sentenza in kwantu l-piena. Għaldaqstant, fin-nuqqas ta' tali talba, din il-Qorti ma tistax tvarja l-piena mposta fuq l-appellant. Madankollu, fi kwalunkwe każ, tenut kont tal-piena applikabbli għar-reat l-iżjed gravi illi l-appellant instab ħati tiegħu, ossia dik ravviżata fl-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jikkontempla l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sentejn jew il-multa, il-Qorti tqis illi l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet fil-parametri tal-liġi. In oltre tqis ukoll illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, hija piena idonea, u għaldaqstant, din il-Qorti ma ssib l-ebda motiv li jġiegħlha titbiegħed mill-piena hekk imposta.

**DECIDE**

[7] Ara l-Artikolu 231(2) tal-Kodiċi Kriminali.

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' **Axil Carl SCICLUNA** u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-perjodu operattiv tal-Ordni ta' Trażżin għandu jibda jiddekorri mil-lum stess.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**